2024/2384

10.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2384

tad-9 ta' Settembru 2024

li jagħti bidu għal rieżami ta' parti eżentata skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 u li jagħmel l-importazzjonijiet tal-parti eżentata soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 13(4) u 14(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997 li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti partijiet ta' roti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jimponi d-dazju estiż fuq dawn l-importazzjonijiet irreġistrati fir-Regolament (KE) Nru 703/96 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/45 tal-20 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1379 dwar l-estensjoni tad-dazju tal-anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti komponenti tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 ([3]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' whud mill-partijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tad-dazju anti-dumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 ([4]) ("ir-Regolament ta' eżenzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

1. BIDU TAL-INVESTIGAZZJONI EX-OFFICIO

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") iddeċidiet, fuq inizjattiva tagħha stess, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' eżenzjoni, li tirrieżamina jekk il-kumpanija Finlandiża Solo International Oy ("il-parti taħt rieżami"), li bħalissa qed tibbenefika minn awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni tad-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tagħha ta' ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kinitx qed tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' eżenzjoni jew kinitx qegħda tagħmel dikjarazzjonijiet doganali żbaljati, u li tagħmel l-importazzjonijiet tagħhom (kodiċi addizzjonali TARIC B940) soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI

(2) Il-prodott taħt rieżami huwa partijiet essenzjali tar-roti kif definit fir-Regolament (KE) Nru 71/97, iddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn, jew f'isem, Solo International Oy (kodiċi addizzjonali TARIC B940).

3. MIŻURI EŻISTENTI

(3) Il-miżuri fis-seħħ bħalissa huma dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 71/97 u estiż bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/45.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55.
([3]) ĠU L 16, 21.1.2020, p. 7.
([4]) ĠU L 17, 21.1.1997, p. 17.

(4) F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2362 ([5]), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1461 ([6]), l-importazzjonijiet iddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn Solo International Oy jew f'isimha bil-kodiċi addizzjonali TARIC B940 huma eżentati mill-ħlas tad-dazju anti-dumping.

4. RAĠUNIJIET GĦAR-RIEŻAMI

(5) Il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha informazzjoni li l-parti taħt rieżami setgħet kisret l-obbligi tagħha bħala parti eżentata. Hemm indikazzjonijiet li l-partijiet essenzjali tar-roti importati mill-parti taħt rieżami setgħu ma ntużawx fl-operazzjonijiet ta' assemblaġġ jew assemblaġġ ta' prodotti oħra, meqruda, esportati mill-ġdid, jew mibjugħa mill-ġdid lil parti eżentata oħra, u li dawk l-importazzjonijiet setgħu ġew ikklassifikati ħażin għall-finijiet doganali.

5. PROĊEDURA

5.1. Bidu

(6) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tagħti bidu għal rieżami skont l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' eżenzjoni, bl-għan li tiddetermina jekk l-eżenzjoni mogħtija lil Solo International Oy għandhiex tiġi revokata, u biex tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami soġġetti għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

5.2. Reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet

(7) Skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' eżenzjoni, mid-data tal-bidu tar-rieżami, l-importazzjonijiet mill-parti taħt rieżami għandhom jiġu rreġistrati skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, biex jiġi żgurat li, jekk ir-rieżami jirriżulta f'revoka tal-eżenzjoni, id-dazji anti-dumping ta' 48,5 % imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/45 ikunu japplikaw kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni. Dan huwa bla ħsara għal xi responsabbiltà doganali oħra li tista' tirriżulta mis-sejbiet ta' din l-investigazzjoni.

5.3. Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

(8) L-investigazzjoni se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami").

5.4. Investigazzjoni tal-kumpanija

(9) Sabiex tkun tista' tikseb it-tagħrif li tqis li huwa meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-parti taħt rieżami. Il-kwestjonarju jrid jitwieġeb fi ħdan il-perjodu indikat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.

(10) Sabiex tkun tista' tikseb it-tagħrif li tqis li huwa meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' wkoll titlob informazzjoni u għajnuna mill-awtoritajiet doganali.

5.5. Preżentazzjonijiet oħrajn bil-miktub

(11) Soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fil-limitu ta' żmien speċifikat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2362 tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar eżenzjonijiet mid-dazju antidumping estiż fuq ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw fir- Repubblika Popolari taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 (ĠU L 331, 17.12.2015, p. 30).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1461 tas-26 ta' Awwissu 2022 dwar l- eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 (ĠU L 229, 5.9.2022, p. 69).

5.6. **Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni**

(12) Il-partijiet interessati kollha jistgħu jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni fi ħdan il-perjodi speċifikati fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament. Kull talba għal seduta ta' smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal seduti ta' smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni, it-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara dan, it-talba għal seduta ta' smigħ trid titressaq fil-limitu tal-iskadenzi speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

5.7. **Struzzjonijiet għat-tfassil ta' preżentazzjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza**

(13) L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini ta' investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Qabel ma jippreżentaw informazzjoni u/jew *data* lill-Kummissjoni soġġetta għad-drittijiet tal-awtur ta' parti terza, il-partijiet interessati jridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni a) tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-fini ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

(14) Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, fosthom l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "*Sensitive*" (Sensittivi) ([7]). Il-partijiet interessati li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġunijiet għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

(15) Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni "*Sensitive*" huma mitluba jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "*For inspection by interested parties*" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati). Jenħtieġ li dawn is-sommarji jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tkun tinftiehem b'mod raġonevoli.

(16) Meta parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

(17) Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://webgate.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi dokumenti skennjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni.

(18) Sabiex ikollhom aċċess għal TRON.tdi, il-partijiet interessati jrid ikollhom kont tal-EU Login. L-istruzzjonijiet kollha dwar kif wieħed għandu jirreġistra u juża TRON.tdi huma disponibbli hawn https://webgate.ec.europa.eu/tron/resources/documents/gettingStarted.pdf.

(19) Permezz ta' TRON.tdi jew ittra elettronika, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" ippubblikat fis-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: https://europa.eu/!7tHpY3.

(20) Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika li jagħtu jkun indirizz kummerċjali uffiċjali tal-posta elettronika li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u għal informazzjoni oħra dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bi TRON.tdi u bil-posta elettronika, il-partijiet interessati għandhom jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

([7]) Dokument "Sensitive" huwa dokument li jitqies li jkun kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-dumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjon (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:
European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G
Office: CHAR 04/039
1049 Brussels
BELGIUM

TRON.tdi: https://webgate.ec.europa.eu/tron/tdi

Indirizz elettroniku: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu

6. **NONKOOPERAZZJONI**

(21) F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' eżenzjoni, l-eżenzjoni għandha tiġi revokata fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni minn kwalunkwe parti eżentata. Jekk xi parti eżentata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fi ħdan il-perjodu stabbilit, tipprovdi informazzjoni falza jew qarrieqa jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, din tista' titqies bħala nuqqas ta' kooperazzjoni.

7. **UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(22) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għall-proċedimenti tal-kummerċ. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim fir-rigward tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għall-estensjoni tal-limiti ta' żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jistgħu jfeġġu matul il-proċediment.

(23) L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jitħaddmu kollha. Jenħtieġ li talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Jenħtieġ li dawn is-seduti ta' smigħ isiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

(24) Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u bla dewmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' jkun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati barra mill-perjodi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawk il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

(25) Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: https://policy.trade.ec.europa.eu/contacts/hearing-officer_en.

8. **SKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(26) L-investigazzjoni tiġi konkluża fi żmien 9 xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

9. **PROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(27) Kull *data* personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

(28) Notifika dwar il-protezzjoni tad-*data* li tinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni tinsab fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: https://europa.eu/!vr4g9W,

([8]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qiegħed jinbeda rieżami skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 sabiex jiġi ddeterminat jekk Solo International Oy hijiex qed tirrispetta l-obbligi tagħha bħala parti eżentata u jekk l-eżenzjoni mid-dazju anti-dumping fuq partijiet essenzjali tar-roti mogħtija lil Solo International Oy għandhiex tiġi revokata.

2. Il-prodott taħt rieżami, u li jibbenefika mill-eżenzjoni, huwa partijiet essenzjali tar-roti kif definit fir-Regolament (KE) Nru 71/97, jiġifieri:

— Frames miżbugħa jew anodizzati jew ippolixjati u/jew mogħtija l-lostru (kodiċi NM ex 8714 91 10, kodiċi TARIC 8714 91 10 31, 8714 91 10 35 u 8714 91 10 39);

— Frieket ta' quddiem miżbugħin jew anodizzati jew ippolixjati u/jew mogħtija l-lostru (kodiċi NM ex 8714 91 30, kodiċijiet TARIC 8714 91 30 35 u 8714 91 30 39);

— Gerijiet derailleur (kodiċi NM ex 8714 99 50, kodiċijiet TARIC 8714 99 50 91 u 8714 99 50 99);

— Mekkaniżmi tal-pedali (kodiċi NM ex 8714 96 30, kodiċi TARIC 8714 96 30 90);

— Roti tat-tip free-wheel sprocket-wheels (kodiċi NM ex 8714 93 00, kodiċi TARIC 8714 93 00 19), kemm jekk preżentati f'settijiet kif ukoll jekk le;

— Brejkijiet oħrajn (kodiċi NM ex 8714 94 20, kodiċi TARIC 8714 94 20 99);

— Mankijiet tal-brejkijiet (kodiċi NM ex 8714 94 90, kodiċi TARIC 8714 94 90 19), kemm jekk preżentati f'settijiet kif ukoll jekk le;

— Roti kompluti b'tubi, tajers u sprokits jew mingħajrhom (kodiċi NM ex 8714 99 90, kodiċi (jiet) TARIC 8714 99 90 19);

— Manubriji (kodiċi NM ex 8714 99 10, kodiċi TARIC 8714 99 10 89 u 8714 99 10 99), kemm jekk preżentati kemm jekk ikollhom imwaħħla s-sieq, il-mankijiet tal-brejkijiet u/jew tal-gerijiet, kif ukoll jekk le;

u importati minn Solo International Oy (kodiċi addizzjonali TARIC B940).

Artikolu 2

L-Awtoritajiet doganali nazzjonali għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Il-partijiet interessati jridu jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Sabiex ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati waqt l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew kwalunkwe informazzjoni oħra fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

3. Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw sabiex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum. Għal seduti ta' smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni, it-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Kull talba għal seduta ta' smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN